

## RAPPORT

### dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta taċ-Ċentru

(2015/C 409/14)

#### INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (l-ECDC – minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru"), li jinsab fi Stokkolma, ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>. Il-kompiti prinċipali taċ-Ċentru huma li jiġbor u jxerred *data* dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-bniedem u li jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar dan is-suġġett. Huwa meħtieġ ukoll jikkoordina n-netwerk Ewropew ta' korpi li jaħdmu f'dan il-qasam <sup>(2)</sup>.

#### INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

#### DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali taċ-Ċentru, li jinkludu r-rapporti finanzjarji <sup>(3)</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

#### Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi <sup>(5)</sup>:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni <sup>(6)</sup>; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali taċ-Ċentru wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> L-*Anness II* jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(3)</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

<sup>(5)</sup> L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(6)</sup> Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

**Ir-responsabbiltà tal-awditur**

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(7)</sup> b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jnvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tweġiq u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jnvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tweġiq ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE <sup>(8)</sup>.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-risultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA**

11. Ir-rata kumplessiva ta' eżekuzzjoni tal-baġit kienet għolja flivell ta' 99 % (92 % fl-2013). Madankollu, ir-riporti ta' approprijazzjonijiet impenjati kienu wkoll relattivament għoljin, flivell ta' EUR 1,6 miljun, jiġifieri 25 % għat-Titolu II – nefqa amministrattiva (2013: EUR 1,7 miljun, jiġifieri 26 %) u EUR 8,1 miljun jiġifieri 49 % għat-Titolu III – nefqa operazzjonali (2013: EUR 7,9 miljun, jiġifieri 44 %). Ir-riporti għat-Titolu II kienu prinċipalment relatati mal-akkwist ippjanat ta' hardwer u softwer tal-IT (EUR 1 miljun) fit-tieni nofs tal-2014, li l-pagament għalihom mhuwiex dovut sal-2015. Għat-Titolu III, ir-riporti kienu jikkonċernaw proġetti pluriennali (EUR 4,7 miljun), ICT għall-appoġġ ta' attivitajiet operazzjonali (EUR 1,6 miljun) li għalihom ġew implimentati attivitajiet u saru pagamenti skont il-ħtiġijiet operazzjonali, u konsultazzjoni tal-esperti (EUR 1,2 miljun) għall-organizzazzjoni ta' laqgħat li saru fl-2014 u li kienu għadhom ma ġew iffatturati fi tmiem is-sena u ta' laqgħat li saru fl-ewwel tliet xhur tal-2015.

**SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI**

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Annex I.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## ANNEX I

## Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/Pendenti/M/A)
2012	<p>Fl-2012, iċ-Ċentru ta' għotjiet lil istituzzjonijiet ta' riċerka u individwi. In-nefqa totali tal-għotjiet ammontat għal EUR 752 000, li tirrappreżenta 1,4 % tan-nefqa operattiva 2012. Il-verifikazzjonijiet <i>ex ante</i> taċ-Ċentru qabel ir-rimborż tal-ispejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji jikkonsistu f'analiżi fl-uffiċċju tal-klejms għall-ispejjeż u parzjalment f'ċertifikati tal-awditjar maħruġa minn ditti indipendenti tal-awditjar ikkuntrattati mill-benefiċjarji. Iċ-Ċentru normalment ma jikseb ebda dokument mill-benefiċjarji biex jissostanzja l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż ikklejmjati. Sabiex isaħħaħ il-kontrolli, iċ-Ċentru adotta strateġija ta' verifikazzjoni <i>ex post</i> u ppjana għall-implimentazzjoni tagħha fl-2012. Madankollu, huwa esperjenza dewmien ta' 10 xhur biex jikseb aċċess għal kuntratt tal-awditjar interstituzzjonali u, fiż-żmien tal-awditu, kienet għadha ma saret ebda verifikazzjoni <i>ex post</i> tan-nefqa tal-għotjiet 2012. Dokumentazzjoni ta' sostenn miksuba miċ-Ċentru fisem il-Qorti pprovdiet aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet awditjati mill-Qorti.</p>	Għadha għaddejja
2013	<p>Għalkemm iċ-Ċentru tejjeb il-ġestjoni tiegħu tal-proċeduri ta' akkwist, għal proċedura partikolari mmedija fl-2013 kien hemm informazzjoni konfliġġenti bejn l-avviż tal-kuntratt u l-ispejjeż tal-offerti li setgħu affettwaw il-proċess kompetittiv u r-risultat tal-proċedura. Pagamenti li saru fl-2013 taħt il-kuntratt qafas u ż-żewġ kuntratti speċifiċi kkonċernati kienu jammontaw għal EUR 108 000. Wara l-awditu tal-Qorti, iċ-Ċentru ħa azzjoni korrettiva immedjata u l-kuntratt qafas ġie kkanċellat.</p>	Ikkompletata
2013	<p>Ir-rata kumplessiva ta' eżekuzzjoni tal-baġit kienet relattivament baxxa (92 %). Il-kanċellazzjonijiet tal-appropriazzjonijiet 2013 dehru fit-titoli kollha tal-baġit.</p>	M/A
2013	<p>L-ammonti riportati ta' appropriazzjonijiet impenjati kienu relattivament għoljin, flivell ta' EUR 1 714 484 (26 %) għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u EUR 7 907 139 (44 %) għat-Titolu III (nefqa operazzjonali).</p>	M/A
2013	<p>Għat-Titolu II, dan kien prinċipalment marbut ma' hardwer u softwer tal-IT (EUR 1 086 203), u mal-evalwazzjoni esterna taċ-Ċentru li għadha għaddejja (EUR 210 000).</p>	M/A

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2013	<p>Għat-Titolu III, l-appropriazzjonijiet impenjati riportati kienu prinċipalment jikkonċernaw proġetti pluriennali (EUR 4 620 605), u oġġetti tal-IT għall-appoġġ ta' attivitajiet operazzjonali (EUR 1 962 443) li għalihom ġew implimentati attivitajiet u saru pagamenti skont il-ħtiġijiet operazzjonali. Madankollu, ġew innutati dgħufijiet fir-rigward tal-ippjanar u l-eżekuzzjoni baġitarja għal laqgħat operazzjonali, prinċipalment minħabba livelli ta' attendenza u spejjeż ta' lukandi u ta' titjiriet stmati b'mod eċċessiv. Għal-linja tal-baġit rispettiva, 29 % tal-appropriazzjonijiet 2013 (EUR 655 142) u 59 % tal-ammonti riportati mill-2012 (EUR 455 820) ġew ikkanċellati. Barra minn hekk, 38 % tal-appropriazzjonijiet impenjati għall-2013 għal laqgħat operazzjonali (li jammontaw għal EUR 594 758) ġew riportati għall-2014.</p>	M/A

## ANNEX II

## Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma)

## Kompetenzi u attivitajiet

<p><b>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.</li> <li>— L-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jiġu evitati l-fonti ta' periklu għas-saħħa umana (fiżika u mentali). Din l-azzjoni għandha tkopri l-għieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll il-monitoraġġ ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert (bikri) għal dan it-theddid u l-għieda kontrih.</li> </ul>
<p><b>Kompetenzi taċ-Ċentru</b></p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p>	<p><b>Għanijiet</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Li jsaħħa id-difiżi tal-Ewropa kontra mard li jittieħed; speċifikament, li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika danni (theddud) attwali u li jistgħu jinqalgħu għas-saħħa tal-bniedem minn mard trasmisibbli.</li> <li>— Għalhekk, iċ-Ċentru jħaddem netwerks ta' sorveljanza ddedikati, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi, iħaddem is-sistema ta' twissija bikrija u tweġiba (EWRS) u jipprovdi għajnuna xjentifika u teknika u taħriġ.</li> </ul> <p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Li jħaddem netwerks ta' sorveljanza ddedikati għall-mard u jtejjeb il-kapaċità tal-attivitajiet tan-netwerks. Iċ-Ċentru għandu rwol speċifiku fil-ġabra, fil-validazzjoni, fl-analiżi u fit-tixrid ta' <i>data</i>.</li> <li>— Li jagħti parir awtorevoli u espert u opinjonijiet u studji xjentifiċi dwar mard trasmisibbli.</li> <li>— Li jħaddem l-EWRS u jiżviluppa proċeduri għall-identifikazzjoni ta' theddud għas-saħħa li jista' jinqala'.</li> <li>— Li jsaħħa il-kapaċità tal-Istati Membri fil-pjanifikazzjoni tal-istat ta' tħejjija u fit-taħriġ.</li> <li>— Li jinforma lill-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati dwar ix-xogħol tiegħu.</li> </ul>
<p><b>Governanza</b></p>	<p><b>Bord tal-Amministrazzjoni</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Membru nnominat minn kull Stat Membru, żewġ membri nnominati mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Bord jadotta l-programm annwali u l-baġit taċ-Ċentru u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p><b>Direttur</b></p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Amministrazzjoni fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni.</p> <p><b>Forum Konsultattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant ta' kull Stat Membru u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni mingħajr id-dritt għall-vot.</p>

	<p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Forum għandu jiżgura l-eċċellenza xjentifika tax-xogħol taċ-Ċentru u l-indipendenza tal-attivitajiet u l-opinjoniġiet tiegħu.</p> <p><b>Awditu estern</b></p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri</p> <p><b>Awditu intern</b></p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p><b>Awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p><b>Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2014 (2013)</b></p>	<p><b>Baġit Finali</b></p> <p>EUR 60,4 (58,3) miljun</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</b></p> <p>Postijiet awtorizzati: 194 (198)</p> <p>Postijiet okkupati: 183 (190)</p> <p>Postijiet oħra: 92 (95)</p> <p>Total: 275 (285), assenjati għad-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— kompiti operazzjonali: 213 (186)</li> <li>— kompiti amministrattivi u ta' appoġġ: 63 (99)</li> </ul>
<p><b>Prodotti u servizzi fl-2014 (2013)</b></p>	<p>44 (42) theddida għas-saħħa identifikati u mmonitorjati bl-użu tal-Għodda tat-Traċċar tat-Theddid (Threat Tracking Tool) (TTT). Din iċ-ċifra tirreferi għal theddid ġdid fl-2014, li jiżdied mat-theddid li huwa mmonitorjat fuq bażi ta' darbtejn kull ġimgħa, ta' darba kull xahar u staġunali.</p> <p>52 (52) rapport ta' theddid ta' kull ġimgħa dwar mard trasmissibbli, mibgħuta lil 614-il (400) riċevitur. Ir-rapporti jsiru disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-ECDC kull ġimgħa u rreġistraw aktar minn 15 000 żjara fl-2014 (8 000 żjara fl-2013).</p> <p>Għoti ta' appoġġ lill-intelliġenza dwar l-epidemiji għal 2 (2) avvenimenti kbar li jġibdu l-massa.</p> <p>Tħejjija ta' 3 (3) valutazzjonijiet tar-riskju, 26 (12-il) valutazzjoni rapida tar-riskju ġdida u 13-il (9) aġġornament dwar il-valutazzjoni rapida tar-riskju.</p> <p>Eżerċizzju wieħed (<i>wieħed</i>) ta' simulazzjoni mwettaq għall-ittestjar u t-titjib tal-istat ta' tħejjija u r-rispons għal mard trasmissibbli.</p> <p>115 (117)-il sieħeb imħarreġ fil-Programm Ewropew dwar it-Taħriġ tal-Epidemjoloġija tal-Intervent (EPIET) u l-Programm Ewropew dwar it-Taħriġ tal-Mikrobijoloġija tas-Saħħa Pubblika (EUPHEM).</p> <p>102 (112-il) espert tas-saħħa pubblika minn 26 pajjiż tal-UE-ŻEE, 3 pajjiżi tat-tkabbir tal-UE (l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja) u 7 pajjiżi terzi (il-Kanada, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Palestina, l-Iżvizzera u l-Ukrajna) ipparteċipaw fil-moduli ta' taħriġ qosra taċ-Ċentru.</p> <p>1 200 000 (945 000) viżitatur fuq il-portal web taċ-Ċentru.</p> <p>209 (216-il) artikolu xjentifiku ppubblikat. Fattur tal-impatt fuq 5 snin: 5,09 (5,46)</p> <p>Is-Seba' Jum Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi organizzat fit-18 ta' Novembru, bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 40 pajjiż. L-ECDC ikkoopera mas-sħab tiegħu f'reġjuni oħra fid-dinja, u mexxa kampanja matul din il-ġimgħa dwar l-użu prudenti mill-antibijotoċi fl-Istati Uniti, fl-Awstralja u fi New Zealand.</p>

	<p>17,4 (16,3) miljun rekord uniku fil-bażi tad-<i>data</i> ta' TESSy; 1 676 (1 492) utent attiv minn 58 (57) pajjiż.</p> <p>Pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali dwar l-Epidemjoloġija. L-ECDC nieda l-Atlas ta' Sorveljanza tal-Mard li Jittieħed, għodda bbażata fuq l-internet li permezz tagħha d-<i>data</i> ta' sorveljanza fuq il-livell tal-UE ssir disponibbli f'format interattiv. Sa tmiem l-2014, l-ECDC kien qed jipubblika <i>data</i> fuq il-livell tal-UE, u xi <i>data</i> internazzjonali, għal erba' mardiet permezz tal-Atlas.</p> <p>16 (18)-il rapport ta' sorveljanza ppubblikat, li jinkludu rapporti annwali dwar it-tuberkulożi, l-HIV/AIDS u l-ġlieda kontra l-mikrobijoreżistenza.</p> <p>41 (41) bulletin ta' kull ġimgħa dwar l-influenza/ħarsa ġenerali lejn is-sorveljanza tal-influenza għall-2014.</p> <p>88 (89) opinjoni xjentifika prodotta, ibbażata fuq talbiet tal-partijiet interessati.</p> <p>Organizzazzjoni tat-tmien Konferenza Ewropea Xjentifika dwar l-Epidemjoloġija Applikata tal-Mard Li Jittieħed (ESCAIDE) mill-5 sas-7 ta' Novembru 2014 fi Stokkolma, b'608 (550) parteċipant.</p> <p>Pubblikazzjoni ta' kull ġimgħa tal-ġurnal xjentifiku Eurosurveillance, li kiseb fattur tal-impatt ta' 4,65 (5,49) għall-2014, li ppermetta li Eurosurveillance jibqa' fost l-aqwa 10 ġurnali fil-kategorija ta' mard li jittieħed.</p> <p>Rapport finali tat-tieni evelwazzjoni esterna u indipendenti tal-ECDC.</p> <p>L-ECDC kellu rwol importanti fl-appoġġ lill-UE u r-rispons internazzjonali għall-Ebola, inkluż l-iskjerament tal-persunal tal-ECDC fil-Guinea.</p> <p>Twettiq tal-ewwel sħarriġ annwali tal-partijiet interessati.</p>
--	---

Sors: Anness ipprovdut miċ-Ċentru.



**IT-TWEGIBA TAĊ-ĊENTRU**

11. Iċ-Ċentru jilqa' l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit (99 %) u li huma identifikaw ukoll il-fatt li r-riporti għoljin huma ġustifikati għall-ħtiġijiet operattivi.

---